MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Numru 641/2004

Il-Pulizija
Spettur Josric Mifsud
Vs
**Anthony Azzopardi**

**Illum 12 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Anthony Azzopardi ta' karta tal-identita` numru 677546(M), akkuzat talli:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuqil-persuna ta' PS 1444 Kenneth Brignano bhala ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;

2. Fl-stess post, data u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra Ps 1444 Kenneth Brignano, bhala persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li agixxa ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali;

3. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ps 1444 Kenneth Brignano skond ma ccertifika t-tabib Dr. Chris Muscat Apap MD tad-Dipartiment tal-Kura Primarja;

4. Fl-stess post, data u hin kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma hallieh x jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien jaghmel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li kien.

Rat il-kunsens sabiex il-kawza tinstema` sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat huwa akkuzat bl-offizi hawn taht elenkati:

- taht l-Artikolu 95 tal-Kap 9, jigifieri ta' ingurji jew theddid kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

- taht l-Artikolu 96 tal-Kap 9, igifieri ta’ attakk u resistenza kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;
- taht l-Artikolu 221 jigifieri li kkaguna feriti ta’ natura hafifa;
- taht l-Artikolu 338(dd) u (ee) tal-Kap 9 li jitrattaw kontravenzjonijiet.

L-akkuzi jitrattaw incident wiehed li sehh fil-25 ta’ Lulju, 2004. Il-provi huma bizzejjed cari u juru li dakinhar kienet il-festa tal-patrun qaddis ta’ Rahal Gdid u l-imputat u l-kwerelant iltaqghu incidentalment. Sehhet kollutazzjoni verbali bejnithom li l-provi juru giet istigata mill-imputat u li fiha jirrisulta li l-kwerelant qaghad passiv. Kien fil-kors ta’ din li l-kwerelant wegga hafif billi garrab girfa f’xuftejh. Mill-assiem tal-provi l-Qorti sodisfatta li din il-ferita lievi u fil-verita negligibli giet konsegwenza l-agir inkonsult tal-imputat.

Illi l-kwerelant huwa membri tal-korp tal-pulizija izda dakinhar ma kienx xoghol. Dan il-fatt wahdu jeskludi r-reati addebitati that l-Artikolu 95 u 96. Mill-provi lanqas jirrisultaw l-offizi kontravenzjonali. Kwindi, huwa biss r-reat tal-ferita hafifa li tieghu l-imputat ghandu jirrispondi. Kif gie accennat l-imputat ghandu jinstab hati ta’ dan.

Ghaldaqstant, taqta` u tiddecidi li fil-waqt li tiddikjara l-imputat mhux hati hlief ghat-tielet akkuza, rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9, rat ukoll il-fedina penali tieghu li titkellem ghaliha, u fic-cirkostanzi tikkundannah 10 t’ijiem prigunerija li l-imputat gja skonta taht arrest preventiv, u ghal kull buon fini l-Qorti qieghda tiddikjara illi mill-perjodu ta’ prigunerija inflitta fuq l-imputat ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------